MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2007

Numru. 1126/2006

Il-Pulizija
(Sp Daniel Zammit)
vs
Manuel Micallef, iben Biagio, imwieled Pieta' fl-24 ta' jannar, 1989
u
Kirsten Gialanze, iben Carmelo, imwieled Pieta' fil-11 ta' marzu, 1990
u
Orazey Pulis, iben Benedict, imwieled Pieta' fit-13 ta' novembru, 1990
u
Max Micallef, iben Biagio, imwieled Pieta' fil-31 ta' diċembru, 1990

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputati –
1. talli fid-19 ta’ lulju, 2006, għal ħabta tal-00.15 a.m. ġewwa Triq San Leonardu, Xgħajra, Ħaż-Żabbar u fi bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer, serqu vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CAQ 606 għad-dannu ta’ Raymond Bonnici, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-lok, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
2. talli fid-19 ta’ lulju, 2006 xjentement xtraw jew laqgħu għandhom oġġetti misruqa li l-valur tagħhom jeċċedi l-mitt lira maltin, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod ieħor li jkun indaħlu biex ibiegħuhom jew imexxuhom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ frar, 2007 fejn il-partijiet qablu li l-valur tal-karozza ma jeċċediex l-elf lira maltin (Lm1,000).

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ frar, 2007 fejn l-imputati ammettew l-akkuża ta’ serq miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati ħatja tat-tieni akkuża miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom minn tali akkuża. Issibhom ħatja tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(e)(f)(g), 263, 264, 267, 270, 271(g) u 278(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputati huma kollha minorenni, għandhom fedina penali netta u ammettew l-ħtija tagħhom. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok ta’ piena karċerarja. Għalhekk tilliberhom taħt il-provvedimenti tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta billi tordna l-ħruġ ta’ Probation Order fil-konfront ta’ l-imputati kollha għal żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------